MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2012

Appell Kriminali Numru. 76/2011

**Il-Pulizija**
**Versus**
**Mirko Giannetti**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Mirko Giannetti (li għandu l-karta tal-identita' bin-numru **549288** (M)) bin Antonio u Rita nee Sciberras, imwieled fil-25 ta'Novembru 1988 u joqgħod ġewwa 87 Villa Katrin Triq Napuljun Żurrieq akkużat talli fis-17 ta' Ottubru, 2010 ghall-habta tas-2.00 a.m. gewwa Triq Wilga, San Giljan

1. volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, bl-ghajjat u bil-glied;
2. hebb ghal persuna ta' Tiziana Taliana sabiex jingurja, jdejjaq jew jaghmel hsara lil din il-persuna jew lil haddiehor;
3. hebb kontra l-persuna ta' Tiziana taliana u kkagunalaha offiza ta' natura hafifa skond kif iccertifika Dr. S. Busuttil MD mill-Isptar Mater Dei;
4. ingurja jew hedded lil Tiziana Taliana bil-kliem;

5. u aktar talli fis-17 ta’ Ottubru, 2010 u fil-gimghat ta’ qabel ta fastidju lil Tiziana Taliana.

Rat is-sentenza tat-3 ta’ Frar 2011 fl-ismijiet ‘Il-Pulizija kontra Mirko Giannetti’ li biha l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali sabet lil Mirko Giannetti ħati tal-imputazzjonijiet dedotti kollha kontrih u wara li rat la-rtikoli 338(dd), 339(1)(d), 221(3)(b), 339(1)(e), 251A(1)(4) u 17(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta ikkundannatu għal piena ta’ priġunerija ta’ xahrejn u għal multa ta’ €3000.

Rat ir-rikors tal-appell intavolat fis-16 ta’ Frar 2011 fejn l-appellant talab ir-revoka tas-sentenza u li l-appellant ikun liberat minn kull imputazzjoni, ħtija jew piena jew alternattivament li din il-Qorti tirriforma s-sentenza billi timponi piena aktar ġusta u ekwa.

Fliet l-atti kollha tal-proċess.

Rat il-fedina aġġornata tal-appellant.

Semgħet ix-xhieda mill-ġdid.

Semgħet il-partijiet jittrattaw.

Ikkonsidrat.

L-aggravji tal-appellant jistgħu jinġabru kif ġej:

(1) L-ewwel aggravju huwa ta’ indoli legali minħabba li l-Qorti tal-Maġistrati infliġġiet piena ta’ priġunerija u ħlas ta’ multa. Skont l-appellant, din il-piean tirreferi għall-ħames imputazzjoni biss għaliex l-imputazzjonijiet l-oħra huma ta’ natura kontravenzjonali barra l-imputazzjoni 3 (offiża ta’ natura ħafifa) li ‘jidher li minħabba n-natura de minimis tal-offiża , l-Ewwel Qorti applikat ukoll il-piean tal-kontravenzjonijiet.’

Minħabba li l-piena għall-kontravenzjonijiet huma l-amendi u d-detenzjoni, u minħabba li l-Qorti tal-Maġistrati la waħħdlet amendi u lanqas detenzjoni, isegwi li jekk il-Qorti

tal-Appell tillibera mill-ħames akkuża, allura l-appellant ma għandu jkun ikkundannat għalxejn.

(2) It-tieni aggravju huwa li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-fatti u hawn l-appellant għamel referenza għal dak li huwa allegatment li nstema' waqt ix-xhieda quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti. Din ix-xhieda ma kinitx traskritta u għalhekk ix-xhieda kellha terġa' tinstema' mill-ġdid.

(3) It-tielet aggravju huwa dwar il-piena li d-difiża tissottometti li għal kwalunkwe fini dina hija eċċessiva.

Ikkonsidrat

Li mix-xhieda li reġgħu nstemgħu mill-ġdid jirriżulta kif ġej:

Skont Tiziana Taliana hija kienet ilha toħroġ tliet xhur toħroġ mal-appellant sakemm f'Settembru 2011 ir-relazzjoni kienet waqfet. Biss qabel ma waqfet ir-realzzjoni mhux l-ewwel darba li kien refa' idu fuqha meta kien jitlagħlu u jinnervja. Fit-2 t'Ottubru, l-appellant kien ċemplilha jibki u jsaqasiha fejn qegħda u saħansitra kien qalilha biex tirkeb fil-karozza, beda jirrabja magħha, iggranfa mai idha, qaltlu li ma riditx titla' u imbaħgad kompliet ma' sħabha. Fis-17 t'Ottubru 2010 hija lemħet lill-appellant fejn it-Teasers fl-inħawi ta' San Ġiljan. Ix-xhud xorta baqgħet ħabiba mal-appellant ipprovat alemnu tikkwieta s-sitwazzjoni għalkemm minn wara t-2 t'Ottubru l-appellant kien ipprova jara kif ser jirranġa iżda hi kienet qaltlu li riedet li jibqgħu ħbieb biss. Fis-17 t'Ottubru, ma tantx deher f'siktu, qabad jagħtiha u ma tafx x'ġara, taf li kienet qegħda fuq il-bankina u l-għada lanqas felħet tqum. L-appellant kien ta bis-sieq u fuq żaqqha b'kollox.

Fil-kontro-eżami x-xhud qalet li ma kinitx ser tinsa iżda kienet ser taħfirlu.

Min-naħa l-oħra l-appellant qal li fil-jum in kwistjoni l-allegata vittma kienet fis-sakra. Kienet toqgħod tibgħatlu l-messaġġi. Dak in-nhar kienet refgħet idejha fuqu u l-bouncer ħariġha l-bouncer. L-appellant innega li hu kien

refa’ jdejh fuqha. Huwa nnega li kien kisser xi ħġieġa kif ukoll li kien għamel il-ġrieħi fuq wiċċ l-allegata vittma. Huwa rrepeta l-frażi ‘jien ma missejthiex tliet darbiet’ f’paġina waħda ta’ xhieda.

Ikkonsidrat

Il-Qorti l-ewwel li ser teżamina huwa l-elementi tal-artikolu 251A tal-Kap 9 (jew il-ħames imputazzjoni).

‘Fl-Appell Kriminali Il-Pulizija v. Massimo Tivisini deciz fis-27 ta’ Frar 2009, intqal dan rigward dan ir-reat:

“Illi ghalkemm, kif jissottometti l-appellant, it-terminu legali fastidju (bl-Ingliz ‘Harassment’) gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala:- ‘Words,
conduct or action (usu. repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose’, dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat ‘in isolation’ b'riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma bil-fors li jrid jitqies fl-isfond tar-retroxena u tal-agir precedenti tal-gudikabbli. Dan ghaliex kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali: ‘Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez’ [21.6.07] :- ‘…. f’ kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista’ tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta’ fastidju fuq perjodu ta’ zmien’”
….
Illi r-reat tal-‘fastidju’ (fit-test Ingliz ‘harassment’) gie introdott ghall-ewwel darba fil-ligi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005 w inkorporat fl-artikoli 251A, 251B, 251C u 251D tal-Kodici Kriminali. L-artikolu 251A johloq ir-reat ta’ persuna li ġġib ruħha b’mod li taghti
fastidju lil persuna ohra u b’mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta’ fastidju ghal dik il-persuna. Dan hu r-reat dedott taht ir-raba' imputazzjoni. Il-ligi fis-sub-inciz (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iggib ruhha b’mod dubjuż imissha tkun taf li dik l-imġiba tammonta ghal fastidju ta’ persuna ohra jekk fil-qies ta’ persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku

tahseb li dik l-imgieba kienet tammonta ghal fastidju tal-persuna l-ohra. Fis-subinciz (3)(c) il-ligi tkompli tghid li persuna akkuzata b'reat taht dan l-artikolu tista' ggib prova li fic-cirkostanzi partikolari dik l-imgieba kienet waħda ragjonevoli. Fl-artikolu 251C hu provvdut li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludi meta wiehed jaghti qata' ('alarming') jew idejjaq ('causing ..distress') lill-persuna.

....

Illi apparti mid-dispozizzjoni kontenuta fl-artikolu 251C li tghid li riferenzi ghall ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludu meta wiehed jaghti qata' jew idejjaq lill-persuna. ('alarming the person or causing the person distress' fit-test Ingliz), il-ligi taghna ma taghti ebda definizzjoni ohra tat-terminu generiku fastidju jew 'harassment'. Issa filwaqt li n-nuqqas ta' definizzjoni specifika w dettaljata tar-reat in dizamina taghmilha possibbli għall-ġudikant li jqis bħala
fastidju agir li jkun jiehu l-forma ta' diversi varjazzjonijiet tal-istess delitt, jista' mill-banda l-ohra johloq ukoll incertezzi fl-applikazzjoni tal-ligi penali fir-rigward ta' dawn it-tip ta' reati li ta' sikwit jinbtu minn relazzjonijiet inter-personali komplikati u delikati.

F'sistemi legali barranin gie stabilit li wahda mill-forom li jista' jiehu l-fastidju jew *harassment* hu dak tal-ippedinar, insegwiment jew bl-Ingliz *"stalking*". Dan l-agir jista' jkun provokat minn diversi ragunijiet jew "*patterns ofbehaviour".* Jezistu per ezempju kazijiet ta' ***"rejected stalkers"*** fejn il-persuni koncernati jsegwu l-vittma bil-ghan li jregghu lura, jikkoregu jew jivvendikaw ruhom ghall-*"rejection*" mill-vittma taghhom. Hemm kazjiet ta' *"resentful stalkers"* li jkunu qed jippruvaw jaghmlu vendetta ghax ikollhom xi lanjanza kontra l-vittma, bil-għan li jbeżżgħu jew jinkwetaw u jdejjqu l-vittma. Hemm imbagħad l-*"intimacy seekers"* li jkunu bil-hsieb li jistabilixxu xi relazzjoni intima jew ta' mħabba mal-vittma taghhom. Hemm l-*"erotomanic stalkers"* li jemmnu li vittma taghhom tkun tħobbhom u jinterpretaw dak li lvittma tghid u tagħmel biex isaħħu d-delużjoni tagħhom. Tip ieħor ta' *stalker* hu dak tal-"*incompetent suitor"* li ma jkunux kapaci li javvicinaw lill-vittma taghhom socjalment, jew ghax jisthu jew ghal xi raguni ohra ta' inadekwatezza,imma li xorta

wahda jippretendu li jkollhom relazzjoni intima mall-vittma taghhom. Umbaghad hemm it-tip tal-*"predatory stalker"* li josservaw il-vittmi taghhom bil-ghan li jhejju pjan ta' xi tip ta' attakk sesswali. Kull tip ta' dan l-agir pero' hu kalkolat li johloq certa biza' f'dak li jkun b'mod li johloq sensazzjoni li qed tigi segwit u impoggi taht certa pressjoni ingusta. Hu proprju dan li din il-ligi l-gdida trid tipprojbixxi.'

Din il-Qorti żżid dan li ġej. L-artikolu (251A tal-Kap 9) huwa msejjes fuq l-ewwel żewġ artikoli tal-Protection of Harassment Act 1997 li jibda bil-kelmiet:

'A person must not pursue a course of conduct' li fil-liġi tagħna hekk:

'Persuna li ġġib ruħha'.

Skont l-Archbold:
'Two incidents can constitute a 'course of conduct' but the fewer the incidents and the greater their separation in time, the less likely it is that they should be described as 'a course of conduct'. (Lau v DPP (2000) 1 F.L.R. 799 DC).

In Pratt vs DPP, 165 J.P. 800 DC, it was said that the concern which the 1997 Act had been intended to meet was that persons should not be put in a state of alarm or distress by the behaviour of others; and that purpose had to be borne in mind when deciding whether to prosecute where there was only a small number of incidents relied upon. On the facts, it was held that two incidents, three months apart, in the first of which the defendant threw a beaker of water at his wife, and in the second of which he chased her round the house, swearing and repeatedly questioning her, were close to the line, but the conviction could be sustained where the incidents took place against a background of an undertaking having been given in civil proceedings by the defendant not to use or threaten violence against his wife, nor to harass or pester her.

Under section 1(2), the test is entirely objective; the reasonable man is not to be imbued with the peculiar

characteristics of the offender, such as his mental illness; and the test is section 1(30(c is even more clearly objective: R v Colohan 1

**It-Tieni Aggravju qed ikun deċiż qabel l-ewwel aggravju**

Din il-parti tas-sentenza hija dwar it-tieni aggravju tal-appellant – apprezzament ħażin tal-provi. U l-Qorti qed tibda bih għaliex il-qofol tal-appella huwa dwar il-ħames imputazzjoni.

Issa mix-xhieda li nstemgħet quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, il-Qorti qed tikkonkludi li fis-17 t'Ottubru, 2010 l-appellant kien responabbli mill-ġrieħi ħfief li sofriet Tiziana Talian  nhar is-17 t'Ottubru, 2011.  (Ara ċ-ċertifikat a fol 6 tal-proċess). U temmen ukoll il-verżjoni tal-istess Tiziana Taliana li mhux l-ewwel darba li l-appellant kien refa' jdejh fuqha.  Għalhekk din il-Qorti qed taqbel mal-konklużjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti dwar il-persuna li kienet responsabbli għall-offiżi ħfief fuq Tiziana Taliana.

Issa d-difiża ssottomettiet li l-artikolu li l-Qorti kellha tapplika kien l-artikolu 251A u mhux l-artikolu 251B.

L-ewwelnett il-Qorti għarblet il-kliem li jidher fiċ-ċitazzjoni dwar il-ħames imputazzjoni:

'tajt fastidju lil Tiziana Taliana'.

Il-kliem ta' din l-imputazzjoni huwa rifless fl-artikolu 251A tal-Kap 9 u għalhekk il-Qorti kient korretta li semmiet dan l-artikolu fil-lista ta' artikoli li jissemmew fl-aħħar tas-sentenza.  Iżda meta wieħed janalizza sew x'inhuma l-elementi tal-artikolu 251A u x'irriżulta mill-provi, wieħed mill-ewwel jikkonkludi li l-Prosekuzzjoni jmissha użat il-kliem tal-artikolu 251B tal-Kap 9 u mhux tal-artikolu 251A. Il-provi mressqa mill-prosekuzzjoni ma jwasslux u qatt ma setgħu għall-ħtija taħt l-artikolu 251A iżda taħt l-artikolu 251B għax fil-provi hemm espressament imsemmi l-element tal-vjolenza.  La-rtikolu 251A huwa dwar fastidju aktar sottili.   La l-Qorti tal-Maġistrati u lanqas din il-Qorti ma tista'  taqbad u tibdel l-artikoli kif trid la l-kliem fiċ-

ċitazzjoni ikun jindika artikolu ieħor. Kull Qorti trid tiżen jekk il-provi jwasslux għall-prova tal-imputazzjoni kif dedotta. L-aktar li tista' tagħmel il-Qorti huwa tara jekk fir-reat prospettat hemmx xi reat ieħor iżgħar kompriż u involut fih. Fil-fehma tal-Qorti dan ir-reat ma jeżistix. Għalhekk il-Qorti qed tillibera lill-appellant mill-ħames imputazzjoni dedotta kontrih.

**L-Ewwel Aggravju**

Dwar l-ewwel aggravju tal-appellant, din il-Qorti frankament ma taqbilx. L-appellant jiġbed konklużjoni ħażina meta jgħid li għax l-imputazzjonijiet l-oħra huma kontravenzjonijiet ( u t-tielet waħda bilfors kienet meqjusa bħala tali mill-Qorti tal-Maġistrati), allura ġaladarba l-Avukat Ġenerali m'appellax, allura l-appellant għandu jinħeles minn kollox jekk ikun liberat mill-ħames imputazzjoni. Bir-rispett kollu, jekk l-Ewwel Qorti iffissat piena aktar marbuta mal-ħames imputazzjoni milli mal-imputazzjonijiet l-oħrajn (għalkemm l-Ewwwel Qorti ssemmi l-artikolu 17(b) li juri li kellha f'moħħha aktar minn imputazzjoni waħda li timmerita piena karċerarja) ma jfissirx li l-appellant għandu jkun awtomatikament liberat mill-imputazzjonijiet l-oħra. Il-Qorti tal-Maġistrati ddikjaratu ħati tal-imputazzjonijiet kollha u tali dikjarazzjoni tispiċċa biss jekk din il-Qorti ma ssibx ħtija fl-imputazzjonijiet l-oħra wkoll.

Bil-kuntrarju din il-Qorti qed tikkonferma s-sejbien ta' ħtija fl-imputazzjonijiet l-oħrajn kollha inkluż t-tielet waħda **barra fl-ewwel imputazzjoni**. Il-fatt li l-allegata vittma ħafret lill-appellant ma jfissirx li l-appellant allura m'għandux jinstab ħati la l-proċeduri ma kinux jinvolvu xi kumpilazzjoni. Ai termini tal-artikolu 373 proviso, il-kwerelanta ma mexxitx il-proċeduri hi u lanqas ma rrinunzjat espressament fi żmien erbat ijiem minn dak in-nhar li sar ir-reat. Għalhekk il-Qorti qed tiċħad is-sottomissjoni li għax il-vittma ħafret, allura jrid ikun hemm il-liberazzjoni.

Dwar l-ewwel imputazzjoni, il-ksur tal-paċi pubblika, il-Qorti ser timxi ma' ġurisprudenza kostanti li l-

kontravenzjoni taħt l-artikolu 338(dd) hija dik li fil-Liġi Ingliża hija ‘a breach of public peace.’ Dan ifisser li persuni oħra jkunu beżgħu għall-inkolumita’ tagħhom waqt l-inċident. Prova ta’ dan m’hemmx u għalhekk il-Qorti qed tillibera lill-appellant minn din l-imputazzjoni.

**It-Tielet Aggravju - L-Aggravju dwar il-piena**

Dwar l-aggravju tal-piena, dan ser ikun milqugħ kif jidher l-aħħar paragrafu tas-sentenza.

**Konklużjoni**

Il-Qorti għalhekk qed **tirriforma** s-sentenza fl-ismijiet premessi mogħtija fit-3 ta’ Frar 2011 billi filwaqt li tikkonfermha fejn sabet lill-appellant ħati tat-tieni, tat-tielet u tar-raba’ imputazzjoni u fejn obbligat lil Mirko Giannetti biex ma jimmolestax lill-parte civile Tiziana Taliana għall-perjodu ta’ sena mil-lum taħt penali ta’ elf Ewro (€1000)u qed tirrevokha fejn sabet lill-appellant ħati tal-ewwel u tal-ħames imputazzjoni u kkundannatu għal piena ta’ xahrejn priġunerija u għall-ħlas ta’ multa ta’ €3000 u minflok qed tilliberah mill-ewwel u mill-ħames imputazzjoni minħabba nuqqas ta’ provi li jwasslu għall-ħtija taħt dawn iż-żewġ imputazzjonijiet u qed tikkundannah iħallas tliet ammendi ta’ €58 **kull waħda** jew €174 f’daqqa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------